# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 24 ta' Ġunju, 2024.**

**Numru 4**

**Rikors numru 261/11/2 JRM**

**Vincianne Mifsud**

**v.**

**Direttur tal-Edukazzjoni, u b'digriet tad-19 ta' April, 2011, awtorizzat il-bidla fl-isem għal "Direttur Ġenerali għal Servizzi Edukattivi"; u Ministru għall-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja**

1. Dan huwa appell tal-attriċi mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Frar, 2019 li ċaħdet it-talba tagħha biex, *a tenur* tal-Artikolu 469A(1)(b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ["Kap. 12"], tiddikjara abbużiva u rraġonevoli d-deċiżjoni tal-konvenuti li ma jġeddux l-impjieg tagħha bħala *supply teacher* tal-primarja.

**<u>Preliminari</u>**

2. Il-<u>fatti</u> li wasslu għal din il-kawża kienu spjegati hekk mill-Ewwel Qorti:

*"... l-atriċi iggradwat mill-Università ta' Malta bħala għalliema. Għal numru ta' snin, hija ngħatat warrant temporanja u bdiet taħdem mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni bħala għalliema 'supply' b'seħħ mill-4 ta' Marzu tal-2008. Il-kuntratt kien wieħed għal żmien definit u kien jiġġedded minn żmien għal żmien, x'aktarx b'sena kull darba. Aktar tard, attendiet kors mad-Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni f'dan il-qasam;*

*Illi matul l-2009, id-Direttorat għal Servizzi Edukattivi kien fil-proċess li jħejji lista ta' riserva ta' għalliema 'supply' prospettivi, għal meta tinħoloq il-ħtieġa, biex jgħallmu f'Malta u jew f'Għawdex fuq bażi temporanja skond fejn ikunu meħtieġa. F'Novembru ta' dik is-sena, fil-ħarġa tal-Gażżeta tal-Gvern tal-10 ta' dak ix-xahar, ħarġet sejħa għall-applikazzjonijiet għall-mili ta' karigi ta' għalliema 'supply' fi skejjel primarji u fiha ssemmew il-kriterji u l-kawlifiki meħtieġa minn min japplika. Wara xi xhur, u qabel ma reġa' ġġeddilha l-kuntratt, l-attriċi ntalbet mid-Direttorat sabiex tapplika u sejħulha għal intervista li kellha tinżamm fl-14 ta' Settembru, 2010. Il-Bord kien magħmul minn Anthony Pace bħala Chairperson, Antoinette Debattista u Anthony Farrugia bħala membri. Wara dik l-intervista, l-attriċi ma kkwalifikatx biex tidħol bħala għalliema wara li l-Bord wasal għal fehma li hi "conspicuously lacks any basic knowledge of pedogogy";*

*Illi l-attriċi lmentat minn dan mad-Direttur u wkoll ma' uffiċjal tal-Union tal-Għalliema. L-attriċi ntalbet tattendi għal intervista oħra li nżammet fl-24 ta' Settembru, 2010. Il-Bord, din id-darba, kien magħmul minn Anthony Farrugia bħala Chairperson, David Aġius Muscat u Marie Claire Mifsud bħala membri. Bħall-ewwel Bord, dan il-Bord ma kienx tal-fehma li l-attriċi kien jistħoqqilha tintgħażel, għaliex it-tweġibiet li tat għal mistoqsijiet li sarulha kienu ġeneriċi "without any reference whatsoever to any specific subject content, teaching methodology or pedagogical principles";*

*Illi fit-13 ta' Ottubru, 201013, Mifsud ġiet mgħarrfa li ma ntgħażletx bħala għalliema 'supply'. Fit-2 ta' Novembru, 201014, id-Direttorat bagħat jgħarrafha bil-konklużjonijiet tal-Bord;*

*Illi fit-23 ta' Novembru, 2010, il-Gvern temm il-kuntratt tal-ingaġġ tal-attriċi;*

*Illi f'Novembru, 2010, l-attriċi ressqet ilment mal-Uffiċju tal-Ombudsman u talbitu, permezz tar-rappreżentant legali tagħha, biex jinvestiga l-proċess tal-għażla għal għalliema 'supply'. Fl-istess żminijiet, l-attriċi ressqet ilment dwar il-każ tagħha lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku;*

*Illi fis-6 ta' Diċembru, 2010, l-attriċi ressqet ittra uffiċjali kontra d-Direttur imħarrek u talbitu jqis mill-ġdid id-deċiżjoni li kienet ittieħdet fil-konfront tagħha;*

*Illi matul Diċembru, 2010, l-attriċi wieġbet għal sejħa oħra li saret għall-ħatra bħala għalliema 'supply'fil-qasam ta' "special education". Il-Bord kien kompost minn Catherine Falzon, bħala Chairperson, Mervin Vella u Antoinette Debattista bħala membri. L-attriċi ntgħażlet għal din il-kariga. Hija reġgħet bdiet taħdem bħala għalliema mal-Gvern fis-6 ta' Diċembru, 2010, fil-qasam ta' edukazzjoni bi bżonnijiet speċjali".*

3. Fl-14 ta' Marzu 2011 l-attriċi fetħet din il-kawża u talbet lill-Qorti:

*"i) Tiddikjara illi d-deċiżjoni tad-Direttur konvenut illi l-attriċi ma għaddiex mill-interview tal-24 ta' Settembru 2010 u kwindi ma kkwalifikatx għat-tiġdid ta' l-impieg ta' "supply teacher-primary" kien wieħed abbużiva peress illi kienet irraġjonevoli u dan a tenur ta' l-artikolu 469A(1)(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*ii) Tiddikjara illi fl-eżerċizzju imsemmi fl-ewwel talba l-konvenuti jew min minnhom ikkawżaw danni lill-attriċi.*

*iii) Tillikwida d-danni kkawżati lill-attriċi.*

*iv) Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu d-danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjeż u l-imgħax u l-konvenuti inġunti in subizzjoni".*

4. Permezz ta' risposta maħlufa ppreżentata fis-7 ta' April 2011[1], il-konvenuti laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalu li l-Ministru għall-Edukazzjoni, Xogħol u Familja ġiet imħarrka bla bżonn għall-finijiet tal-Artikolu 181B tal-Kap. 12, u li l-azzjoni kellha tiġi diretta lejn id-Direttur Ġenerali għal Servizzi Edukattivi. Fil-mertu, ċaħdu li

[1] Fol. 23 *et seq*.

wettqu ksur tal-Artikolu 469A(1)(b). Jgħidu li l-Bord mexa b'mod korrett u li ma seħħet ebda inġustizzja mal-attriċi, kemm f'dak li għandu x'jaqsam mal-mod kif kien kompost il-Bord, u kif ukoll fil-fehmiet li setgħu esprimew, il-mod li mxew u l-marki li l-attriċi ngħatat.

5. Safrattant, b'ittra elettronika li ġġib id-data tal-14 ta' Settembru, 2011, l-attriċi bħala membru tal-Malta Union of Teachers, ġiet mgħarrfa li l-gradi ta' għalliema '*supply'* ser jiġu regolarizzati bħala impjegati tas-servizz ċivili mingħajr il-ħtieġa li jsiru intervisti.

6. B'sentenza mogħtija fit-28 ta' Frar 2019 [is-"sentenza appellata"] il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet billi:

> *"**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrek Ministru għall-Edukazzjoni, Xogħol u Familja u ssib li ma huwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi u għalhekk qiegħda teħilsu mill-ħarsien tal-ġudizzju, bi spejjeż għall-attriċi;*
>
> ***Tastjeni milli tqis it-tieni eċċezzjoni preliminari** tad-Direttur imħarrek, ladarba rtiraha;*
>
> ***Tiċħad l-ewwel talba attriċi** billi ma ssibx li d-deċiżjoni meħuda mid-Direttur imħarrek kienet abbużiva u bi ksur tal-liġi jew li kienet irraġonevoli għall-finijiet tal-artikolu 469A(1)(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> ***Tiċħad it-talbiet attriċi l-oħrajn** billi huma konsegwenzjali għall-ewwel talba;u*
>
> ***Tordna** li l-attriċi tħallas **l-ispejjeż tal-kawża**".*

7. Fit-18 ta' Marzu 2019 l-attriċi appellat u lmentat illi: (i) l-Ewwel Qorti naqset teżamina l-ilment tagħha mill-ottika tad-dritt naturali; u li (ii) waqt

l-ewwel *interview* iċ-*Chairman* kellu f'idejh rapport li l-Bord ma kellux jieħu konjizzjoni tiegħu. Talbet għalhekk lil din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi:

> *"filwaqt li tikkonferma dik il-parti fejn l-ewwel Qorti laqgħat l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenut Ministru għall-Edukazzjoni, Xogħol u Familja u lliberatu mill-osservanza tal-ġudizzju, tħassar, tirrevoka u tikkanċella l-bqija tas-sentenza u konsegwentement tilqa' t-talbiet attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra d-dipartiment appellat".*

8. Il-konvenuti wieġbu illi s-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma.

**Konsiderazzjonijiet**:

9. Sa fejn rilevanti għall-appell tal-attriċi, il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti kienu s-segwenti:

> *"Illi għal dak li jirrigwarda l-**mertu tal-azzjoni attriċi**, jingħad li t-talbiet attriċi huma ta' stħarriġ ġudizzjarju, dan biex qabel kull ħaġa oħra, il-Qorti tissindika l-aġir tad-Direttur imħarrek u ssib li d-deċiżjoni li huwa ħa fil-konfront ta' l-attriċi li ma tgħaddix mill-intervista tal-24 ta' Settembru, 2010, kienet waħda abbużiva billi kienet irraġonevoli għall-finijiet tal-artikolu 469A(1)(b) tal-Kap. 12;*
>
> *Illi ir-rwol tal-Qorti f'azzjonijiet ta' din il-għamla ilu żmien mifhum u aċċettat u dan joħroġ min-natura nnifisha tal-azzjoni ta' stħarriġ tal-egħmil amministrattiv. Għaldaqstant, meta l-Qorti tintalab tistħarreġ egħmil amministrativ għandha tqis is-siwi ta' egħmil bħal dak skond il-kejl tal-liġi u tal-prinċipji li jgħoddu għall-każ (u, jekk jirriżultaw iċ-ċirkostanzi xierqa, li tħassar dak l-egħmil jew issibu ma jiswiex) mingħajr ma hija stess tieħu d-deċiżjoni minflok l-awtorità kompetenti li lilha l-liġi tkun tat dik is-setgħa. Hu mħolli għal dik l-awtorità li twettaq, bid-diskrezzjoni xierqa, l-egħmil u li tieħu d-deċiżjonijiet li jitnisslu minn eżerċizzju bħal dak. It-tħassir ta' deċiżjoni min-naħa tal-Qorti jġib biss li l-istess Qorti terġa' tgħaddi l-każ għas-smigħ lil dik l-awtorità għall-kunsiderazzjoni mill-ġdid tal-każ. Jista' jkun li l-każ partikolari jitlob li l-*

*Qorti tindika lill-awtorità pubblika li tkun li, meta tiġi biex tqis mill-ġdid il-każ, il-konsiderazzjonijiet tagħha jkunu fuq il-linji suġġeriti fis-sentenza li fiha l-egħmil amministrattiv ikun ġie mistħarreġ;*

*Illi l-Qorti sejra tgħaddi issa biex tistħarreġ l-ilment tal-attriċi fid-dawl tal-eċċezzjonijiet fil-mertu tad-Direttur imħarrek għal dawk l-ilmenti. Ladarba l-attriċi tixli lid-Direttur imħarrek b'imġiba lil hinn mil-liġi ('ultra vires'), taqa' fuqha l-ħtieġa li tipprova dak li tallega. Naturalment, dan meħtieġ li jsir fil-grad mistenni f'kawża ta' xejra ċivili bħalma hija kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju;*

*Illi biex il-Qorti tista' tqis is-siwi tal-imsemmija lmenti jeħtieġ li tara (i) min ħa d-deċiżjoni waqt l-intervista biex ma jilqax it-talba tal-attriċi biex taħdem bħala għalliema 'supply'; (ii) liema kienu l-kriterji li ntużaw biex ittieħdet id-deċiżjoni; (iii) taħt liema dispożizzjonijiet tal-liġi kien regolat min ħa d-deċiżjoni u l-kriterji li ntużaw; u (iv) jekk, fid-dawl taċ-ċirkostanzi li jsawru l-każ, min ħa d-deċiżjoni qabiżx is-setgħat tiegħu jew wettaqx użu mhux raġonevoli tad-diskrezzjoni mħollija f'idejh;*

*Illi, kemm waqt it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha u kif ukoll mis-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub, joħroġ ċar li l-attriċi torbot kollox ma' xilja ta' nuqqas ta' imparzjalità f'uħud mill-membri tal-Bord meta (i) esprimew irwieħhom fil-konfront tagħha waqt l-intervisti; (ii) qiesu konsiderazzjonijiet oħra fuqha li ppreġudikaw il-pożizzjoni tagħha waqt l-istess intervisti; u li (iii) wieħed mill-membri saħansitra serva fuq iż-żewġ bordijiet ta' għażla. B'hekk, hija tgħid li ċċaħħdet bla mistħoqq milli tintgħażel bħala għalliema 'supply' minkejja l-kwalifiki li kellha u l-esperjenza ta' sentejn ħidma f'dak il-qasam li kienet diġà wettqet minn mindu kienet ingħatat il-ħatra l-ewwel darba;*

*Illi l-Qorti tqis li, ladarba l-azzjoni attriċi hija mibnija fuq l-egħmil imwettaq ultra vires, huwa meħtieġ qabel kollox li wieħed jara liema hija l-liġi jew prassi li tistabilixxi dak il-"vires". Wara li wieħed jistabilixxi liema hija l-liġi/prassi, ikun jista' jara jekk dak li sar seħħx tassew fil-parametri tagħha jew inkella jekk inqabżux il-limiti tagħha. L-attriċi ma ssemmi ebda liġi ħlief referenza għar-regoli tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku meta tgħid li membru tal-Bord kien anke għalliem tagħha, filwaqt li l-imħarrkin jgħidu li huma mxew ma' prassi amministrattiva li ilha mħaddna mid-Dipartiment għal*
*numru ta' snin;*

*Illi għar-rigward tal-mod kif bord ta' l-għażla jiġi kompost, jirriżulta li membri jintgħażlu minn fost uffiċjali edukattivi li jkunu midħla fil-qasam li jkun ser jiġi mistħarreġ fis-sejħa għall-applikazzjonijiet. F'dan il-każ, it-tliet membri fuq ż-żewġ bordijiet kienu lkoll uffiċjali edukattivi fil-qasam tal-edukazzjoni primarja għaliex is-sejħa għall-għalliema 'supply' kienet saret sewwasew għal dak il-livell ta' edukazzjoni u tagħlim. Jirriżulta wkoll illi r-rekwiżiti biex persuna tapplika biex taħdem ġo skola speċjali huma anqas ebsin minn dawk mitluba għal dawk li jkunu jridu jaħdmu fi skola primarja, dan għaliex is-suġġetti fi skejjel*

*speċjali ma jkunux daqstant akkademiċi. Għaldaqstant, ir-rekwiżiti li huma mistennija f'applikant li jkun irid jaħdem fi skola speċjali huma aktar marbuta ma' ħiliet għall-ħajja ('life skills') u anqas ma' kwalifiki akkademiċi didattiċi;*

*Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti ssib li l-argument imressaq mill-attriċi li, imqar xahrejn u nofs wara li ma kinitx meqjusa tajba biex tgħallem bħala għalliema 'supply' kienet resqet għal intervista oħra u għaddiet mill-ewwel, ma jistax iwassal lill-attriċi għas-sejbien ta' imparzjalità jew imġiba abbużiva min-naħa tal-Bord. Għall-kuntrarju, il-Qorti ssib li l-evalwazzjoni magħmula mill-Bord dwar il-ħila tal-attriċi biex tgħallem fi skola primarja kienet f'waqtha, u dak li l-Bord qies li n-nuqqasijiet tagħha kienu determinati minn dokumenti li ħarġu minn idejn l-attriċi nnifisha jew mit-tweġibiet li tat lill-istess Bord;*

*Illi fil-prassi mħaddna mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, membri ta' bord ma jistgħux ikollha qrubija mid-demm jew biż-żwieġ ma' xi applikant li jidher quddiemhom, l-anqas ma jista' jkollhom rabtiet biż-żwieġ. Madankollu, ma hemm l-ebda regola li żżomm milli membru sata' kien f'xi żmien għallem lil xi waħda mill-persuni li tkun wieġbet għas-sejħa għall-mili tal-kariga;*

*Illi rapport kontra għalliem jitqies skond il-gravità tiegħu. Rapport formali jiġi komunikat lill-għalliem li jingħata l-jedd li jwieġeb għalih. Rapport informali ma jidħolx fil-file tal-għalliem, u mhux tabilfors jasal għand l-għalliem. Illi bord tal-għażla jagħmel l-apprezzament tal-applikant skond l-intervista li ssir quddiemu, u ma jqisx ħwejjeġ oħra biex jasal għall-ġudizzju tiegħu;*

*Illi l-attriċi tisħaq li ċ-Chairman ta' l-ewwel Bord esprima ruħu fil-konfront tagħha waqt l-intervista billi insista li ma kellhiex il-kwalifiki meħtieġa biex setgħet tapplika. Tgħid li l-istess Chairman kien ippreġudikat kontriha meta kellu aċċess għal rapport li xhur qabel kien daħal dwarha, u li wieħed mill-membri tal-Bord, Anthony Farruġia, kien membru fuq l-ewwel Bord u ġie maħtur bħala Chairman fit-tieni Bord ukoll u li, fil-fatt, ġiet mitluba twieġeb l-istess mistoqsijiet li kienet ġiet indirizzata bihom fl-ewwel intervista;*

*Illi l-Qorti wara li qieset l-ilmenti ta' l-attriċi kif ukoll id-dokumenti u x-xhieda li tressqu quddiemha tasal għall-fehma li fil-kompożizzjoni tal-Bord, id-Direttur imħarrek ma marx lil hinn mill-prassi stabbilita għal dan il-għan, għaliex l-membri kienu lkoll uffiċjali edukattivi fil-qasam tal-primarja. Rigward x'wassal biex il-ħatra ta' Chairman fit-tieni Bord tiġi fdata f'membru li kien ukoll fl-ewwel Bord, il-Qorti tilqa' b'raġonevoli u tajba l-ispjegazzjoni mogħtija mir-rappreżentant tad-Direttur imħarrek, jiġifieri dik li fid-direttorat hemm nuqqas ta' uffiċjali edukattivi li jaħdmu fil-livell primarju u li d-Direttorat qies bħala importanti li l-persuni li jagħmlu l-għażla jkunu midħla sew tal-materja biex issir ġustizzja mal-applikanti. Bl-istess mod, kien ikun inġust għall-applikanti li l-Bord ikun*

*magħmul minn persuni li ma jifhmux fil-qasam li għalih kellha ssir l-għażla;*

*Illi fir-rigward tal-preġudizzju li l-attriċi tixli bih lill-membri tal-Bord fil-konfront tagħha, kif fil-mod kif saret l-evalwazzjoni tal-ħiliet tagħha u kif ukoll dwar ir-riżultat li ġabet fiż-żewġ intervisti, hawnhekk il-każ jidħol fil-kwestjoni tar-raġonevolezza u tar-rilevanza ta' deċiżjoni amministrattiva li, fil-fehma tal-Qorti, f'din iċ-ċirkostanza, jimxu id f'id. Magħhom u minħabba l-kawżali speċifika tat-tħaddim tar-raġonevolezza, jidħol tabilfors l-element tat-tħaddim tad-diskrezzjoni li l-liġi tagħni biha lill-awtorità amministrattiva pubblika li tkun ħadet dik iddeċiżjoni. B'"diskrezzjoni" wieħed jifhem dak li fid-duttrina huwa mfisser bħala "(the) power to make a choice between alternative courses of action or inaction";*

*Illi l-Qorti tifhem li ladarba eżerċizzju bħal dak jimplika diskrezzjoni, dan ifisser li t-twettiq ta' dik id-diskrezzjoni, għall-finijiet ta' stħarriġ ġudizzjarju, tippermetti li l-persuna mogħnija b'dik is-setgħa diskrezzjonali (f'dan il-każ, il-Bord) ma tkunx marbuta mal-elementi oġġettivi għall-formazzjoni tal-ħsieb tagħha, li huwa fdat għall-prudenza suġġettiva ta' dik il-persuna u li timplika tabilfors element soġġettiv. Madankollu, dik id-diskrezzjoni trid titwettaq fil-parametri tal-liġi li tawtorizżaha, b'mod raġonevoli, b'ekwità u ħaqq u mingħajr abbuż ta' dik l-istess diskrezzjoni;*

*Illi kien għalhekk li, mal-medda taż-żmien, issawru regoli li jħarsu l-imsemmija setgħat diskrezzjonali u kif il-Qrati kellhom iqisu l-istħarriġ tagħhom dwarhom. Ewlenija fost dawn ir-regoli hi li awtorità li hija mogħnija b'diskrezzjoni tista' tiġi ordnata teżerċitaha f'każ li tkun naqset li tagħmel dan, imma ma tistax tiġi dettata x'għandha tiddeċiedi jew li twettaqha b'xi mod partikolari. Biex jiġi assikurat li din id-diskrezzjoni kienet imwettqa, jeħtieġ li lill-Qorti jirriżultalha li dik l-awtorità tassew qieset il-kwestjoni li kellha quddiemha, u li dan għamlitu mingħajr l-indħil tal-ebda ħaddieħor jew bla ma poġġiet lilha nnifisha f'qagħda fejn ma setgħetx jew irrifjutat li twettaq dik id-diskrezzjoni. Siewi wkoll li jiġi aċċertat li l-awtorità mistħarrġa m'għamlitx dak li kienet espressament miżmuma milli tagħmel, jew jekk għamlitx xi ħaġa li ma kinitx awtorizzata tagħmel. Fuq kollox, l-awtorità mistħarrġa trid tkun imxiet bona fide u qieset il-konsiderazzjonijiet rilevanti tal-każ. Dawn huma, fil-qosor, il-ġabra tal-kategoriji fid-Dritt Amministrattiv ta' nuqqas ta' eżerċizzju ta' diskrezzjoni u ta' eċċess jew abbuż ta' dak l-eżerċizzju;*

*Ili d-dmir li awtorità taġixxi raġonevolment mhux l-istess bħad-dmir li taġixxi bona fide. Għalhekk, filwaqt li mhux kull eżerċizzju raġonevoli ta' ġudizzju huwa bilfors korrett, lanqas mhuwa bilfors irraġonevoli kull eżerċizzju ta' ġudizzju żbaljat. F'każ bħal dan, ix-xiber li l-Qorti jidher li għandha tuża biex tkejjel bih ikun dak li tqis jekk id-deċiżjoni li minnha jkun hemm ilment kinitx mistennija li tittieħed minn persuni raġonevoli;*

*Illi l-kittieba awtorevoli f'dan il-qasam jgħallmu li r-rwol ewlieni tal-Qrati fid-dritt amministrattiv huwa dak li jiżguraw li ma tonqosx il-legalità fl-egħmil mistħarreġ, iżjed minn dak li jaraw li l-awtorità pubblika mistħarrġa tkun iddeċidiet sewwa. Hekk ukoll tfissret il-qagħda f'bosta deċiżjonijiet tal-qrati;*

*Illi huwa stabbilit li biex jitqies jekk awtorità wettqitx b'mod raġonevoli d-diskrezzjoni mogħtija lilha bis-saħħa ta' xi liġi, irid jintwera li dik l-awtorità tkun imxiet ma' dak li kellha jew messha tagħmel u mhux biss ma' dak li setgħet tagħmel. Dan ifisser li l-kejl ta' r-raġonevolezza jkun wieħed oġġettiv marbut maċ-ċirkostanzi fattwali li fihom dik l-istess diskrezzjoni titwettaq. B'żieda ma' dan, biex imġiba titqies abbużiva, min jallegaha jrid juri li kien hemm element ta' intenzjoni biex wieħed jagħmel il-ħsara, liema fehma wieħed jista' jasal biex juriha b'xi prova ta' mġiba esterna li tagħmel parti mill-eżerċizzju diskrezzjonali li jkun. Minbarra dan, l-eżerċizzju diskrezzjonali jrid ikun kemm "rite" u kif ukoll "recte", jiġifieri jrid jitwettaq skond il-proċedura stabbilita u kif ukoll imħaddem b'ħaqq. Dan kollu jitlob ukoll li d-diskrezzjoni titwettaq b'mod raġonevoli;*

*Illi meta l-Qorti fliet b'reqqa x-xhieda mressqa quddiemha ma ħariġx li l-Bord mexa b'mod mhux raġonevoli jew li nqeda bid-diskrezzjoni fdata f'idejh b'mod abbużiv. Taqbel jew ma taqbilx mad-deċiżjoni milħuqa fil-mertu fir-rigward tal-attriċi, din il-Qorti ma ssib li sar l-ebda tiġbid jew raġunament li bord magħmul minn persuni raġonevoli ma kienx jasal biex jilħaq. Lanqas ma sabet li ċ-ċirkostanzi partikolari identifikati mill-attriċi jikkostitwixxu kriterji arbitrarji jew nieqsa mir-raġonevolezza;*

*Illi mill-provi mressqa (l-aktar dawk dokumentali) joħroġ ukoll li l-Bord – fiż-żewġ inervisti – mexa ma' linji-gwida speċifiċi li fuqhom fassal il-mistoqsijiet li saru lill-attriċi u ngħataw il-marki li t-tweġibiet tagħha għalihom kien jistħoqqilhom. Mill-istess provi, joħroġ ukoll li l-Bord seta' jagħti tifsira għal kull marka li ta lill-attriċi u għaliex. Fuq kollox, il-Qorti ssib li l-membri tal-Bord (fiż-żewġ okkażjonijiet) imxew b'mod trasparenti u waslu għall-fehmiet tagħhom b'mod unanimu imma bla ndħil minn ħadd u fuq is-saħħa ta' raġunijiet konkreti u bl-għarfien li l-persuni li kienu qegħdin jistħarrġu riedu jikkontribwixxu għall-formazzjoni ta' tfal fi skejjel primarji. Għal dak li jirrigwarda t-tħassib (jew xilja) tal-attriċi li wieħed mill-membri – Anthony Farruġia – seta' influwenza lill-membri tal-Bord minħabba li kien ukoll fl-ewwel intervista, din il-Qorti tqis li din ix-xilja ma ġietx pruvata bl-ebda mod mill-attriċi. Il-persuna involuta nnifisha xehdet (ukoll f'kontro-eżami akkanit) li hija ma tkellmitx dwar l-attriċi mal-membri tal-Bord fit-tieni intervista. Bl-istess mod, il-Qorti tqis li sewwasew fost il-membri tal-bord li għażilha bħala għalliema ta' "special needs" kien hemm persuna – Antoinette Debattista – li kienet membru tal-Bord tal-ewwel intervista. Dwar din il-persuna l-attriċi ma ressqet l-ebda lment u lanqas ix-xilja li dak il-bord kien imtebba' bil-parzjalità;*

*Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-attriċi ma seħħiliex turi tajjeb li d-deċiżjoni minnha attakkata ttieħdet b'mod abbużiv jew irraġonevoli, u għalhekk, mhijiex sejra tintlaqa' l-ewwel talba tagħha;*

*Illi ladarba l-Qorti qieghda tasal għal din il-fehma, ma hemm l-ebda ħtieġa li tqis it-tliet talbiet attriċi l-oħrajn, għaliex dawn huma konsegwenzjali għall-ewwel talba".*

10. Permezz tal-<u>ewwel aggravju</u> tagħha l-attriċi appellanti tilmenta illi l-Ewwel Qorti qieset biss jekk l-aġir tad-Direttur konvenut imurx kontra l-liġi jew il-prattika. Tgħid li l-Qorti tal-ewwel grad naqset milli teżamina jekk il-proċedura adoperata waqt it-tieni *interview*, fejn iċ-*Chairman* kien wieħed mill-membri fuq l-ewwel bord, tmurx kontra d-dettami tad-dritt naturali. L-attriċi tinsisti li tali proċedura kienet fil-fatt leżiva tad-dritt għal smigħ xieraq minn bord indipendenti u imparzjali. In sostenn ta' dan, hija tikkwota ġurisprudenza, kemm lokali u kif ukoll tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem [QEDB].

11. Mill-atti jirriżulta illi:

11.1. L-attriċi ggradwat mill-Università ta' Malta bħala għalliema lejn l-aħħar tas-sena 2007[2];

[2] Fol. 60.

11.2. F'Marzu tal-2008 bdiet taħdem bħala għalliema '*supply'* fl-Iskola Primarja taż-Żejtun. Dan fuq bażi temporanja għal dik is-sena skolastika[3];

11.3. Għas-sena skolastika suċċessiva (2008/2009) reġgħet ġiet ingaġġata fuq bażi temporanja, bħala għalliema '*supply'* fl-Iskola Primarja ta' Ħal Kirkop[4];

11.4. L-attriċi ngħatat l-istess impjieg bħala għalliema '*supply*' tal-primarja għas-sena skolastika 2009/2010[5]. Matul dak il-kuntratt (li kien għall-perjodu bejn l-24 ta' Settembru 2009 u t-22 ta' Settembru 2010) għamlet ukoll kors dwar '*Effective School and Classroom Practices'*, kif mitlub mid-Dipartiment[6];

11.5. Għas-sena skolastika 2010/2011 ġie deċiż illi kull applikant bħala *supply teacher* ried jagħmel *interview,* inkluż dawk li fis-snin preċedenti kienu ħadmu f'dik il-kariga[7]. B'hekk, meta l-attriċi applikat biex f'dik is-sena skolastika terġa' tinħatar fl-istess kariga, issejħet għall-intervista[8];

[3] Fol. 49, 58.
[4] Fol. 29, 58.
[5] Fol. 58.
[6] Fol. 29, 32.
[7] Fol. 106.
[8] Fol. 29.

11.6. L-intervista saret fl-14 ta' Settembru, 2010 quddiem Bord kompost minn Anthony Pace bħala *Chairperson* u Antoinette Debattista u Anthony Farrugia bħala membri. Inizjalment qamet kwistjoni għaliex l-attriċi rrifjutat li tipproduċi ċertifikat oriġinali tal-GCE jew Matsec fl-Ingliż, Malti u Matematika. Madankollu, l-intervista saret xorta waħda u l-attriċi ngħatat 124 marka minn massimu ta' 300 marka. Peress li l-*pass mark* kienet 150, l-attriċi m'għaddietx[9];

11.7. Skont rapport imħejji mill-istess *interviewing* Bord[10], fejn ġew spjegati fid-dettall il-marki li ngħataw (jew aħjar ma ngħatawx) lill-attriċi għal kull kategorija, ġie konkluż illi l-attriċi:

> *"conspicuously lacks any basic knowledge of pedagogy and as such she was not deemed suitable for primary school teaching".*[11]

11.8. L-attriċi lmentat għaliex dehrilha li c-*Chairman* tal-Bord kien preġudikat kontriha. Wara li baqgħet tinsisti saret eċċezzjoni u ingħatat l-opportunità li terġa' tagħmel l-intervista. Dan mhux għaliex il-konvenuti sabu bażi fl-allegazjonijiet li għamlet, iżda sempliċement għaliex riedu jserrħulha rasha[12];

11.9. It-tieni intervista saret fl-24 ta' Settembru 2010 quddiem *interviewing board* kompost minn Anthony Farrugia bħala *Chairperson,*

[9] Fol. 72, 53.
[10] Fol. 71.
[11] Fol. 127.
[12] Fol. 117.

u Marie Claire Mifsud u David Agius Muscat bħala membri. F'dik l-intervista l-attriċi kisbet 108 marka u għalhekk, għal darb' oħra, hija ma ottjenietx il-marka minima meħtieġa (150 marka minn 300 marka);

11.10. F'rapport sussegwenti l-istess Bord spjega li l-membri kienu waslu għall-fehma unanima li l-prestazzjoni tal-attriċi f'dik l-intervista kienet:

> *"far below average and in spite of continuous prompting by the board members, through the entire interview, the applicant's responses were very vague and generic without any reference whatsoever to any specific subject content, teaching methodology or pedagogical principles. This occurred in spite of the fact that at various points during the interview questions were repeated or even rephrased to ensure that the applicant understood what was being asked ...*
>
> *In view of the above, after very careful considerations, the Interview Board unanimously concluded that Ms Vincianne does not possess the aptitude and skills required to cope in a primary classroom and thus act as a Supply Teacher within this sector".*

11.11. Konsegwentement, fit-13 ta' Ottubru 2010 l-attriċi ġiet infurmata li ma ntgħażlitx bħala *supply teacher* tal-primarja[13]. Sussegwentment, ġiet ukoll informata bir-raġunijiet sħaħ għalfejn ma kinitx għaddiet mit-tieni intervista[14];

---

[13] Fol. 53.
[14] Fol. 86 – 87.

11.12. It-taqsima tar-rekords tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni ġiet infurmata li l-kuntratt ta' impjieg tal-attriċi, li ntemm fit-23 ta' Settembru 2010, ma ġiex imġedded[15];

11.13. Ftit xhur wara (Diċembru 2010) l-attriċi applikat għal '*Supply Teacher – Special Schools'* u wara intervista ġiet approvata u magħżula biex taħdem f'dik il-pożizzjoni. Għalhekk il-pretensjoni għad-danni hi b'referenza għall-perjodu 22 ta' Settembru 2010 sas-6 ta' Diċembru 2010[16].

12. M'hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt li Anthony Farrugia, uffiċjal eżekuttiv fid-Dipartiment għall-Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni, kien membru fuq il-Bord li għamel *interview* lill-attriċi fl-14 ta' Settembru, 2010 [l-"ewwel interview"] u wkoll *Chairman* fl-*interviewing* bord tal-24 ta' Settembru 2010 [it-"tieni *interview*"].

13. Fil-każ ta' **Micallef v. Malta**[17], deċiż mill-Grand Chamber tal-QEDB fil-15 ta' Ottubru 2009, ingħad hekk dwar il-kunċett ta' imparzjalità fil-kuntest tad-dritt għal smigħ xieraq:

> *"93. Impartiality normally denotes the absence of prejudice or bias and its existence or otherwise can be tested in various ways. According to the Court's constant case-law, the existence of impartiality for the purposes of Article 6 § 1 must be determined according to a subjective test where regard must be had to the personal conviction and behaviour*

[15] Fol. 85, 88.
[16] Fol. 31.
[17] Application Number 17056/06.

*of a particular judge, that is, whether the judge held any personal prejudice or bias in a given case; and also according to an objective test, that is to say by ascertaining whether the tribunal itself and, among other aspects, its composition, offered sufficient guarantees to exclude any legitimate doubt in respect of its impartiality (see, inter alia, Fey v. Austria, 24 February 1993, §§ 27, 28 and 30, Series A no. 255-A, and Wettstein v. Switzerland, no. 33958/96, § 42, ECHR 2000-XII).*

*94. As to the subjective test, the principle that a tribunal shall be presumed to be free of personal prejudice or partiality is long-established in the case-law of the Court (see, for example, Kyprianou v. Cyprus [GC], no. 73797/01, § 119, ECHR 2005-XIII). The Court has held that the personal impartiality of a judge must be presumed until there is proof to the contrary (see Wettstein, cited above, § 43). As regards the type of proof required, the Court has, for example, sought to ascertain whether a judge has displayed hostility or ill will for personal reasons (see De Cubber v. Belgium, 26 October 1984, § 25, Series A no. 86).*

*95. In the vast majority of cases raising impartiality issues the Court has focused on the objective test. However, there is no watertight division between subjective and objective impartiality since the conduct of a judge may not only prompt objectively held misgivings as to impartiality from the point of view of the external observer (objective test) but may also go to the issue of his or her personal conviction (subjective test) (see Kyprianou, cited above, § 119). Thus, in some cases where it may be difficult to procure evidence with which to rebut the presumption of the judge's subjective impartiality, the requirement of objective impartiality provides a further important guarantee (see Pullar v. the United Kingdom, 10 June 1996, § 32, Reports 1996-III).*

*96. As to the objective test, it must be determined whether, quite apart from the judge's conduct, there are ascertainable facts which may raise doubts as to his impartiality. This implies that, in deciding whether in a given case there is a legitimate reason to fear that a particular judge or a body sitting as a bench lacks impartiality, the standpoint of the person concerned is important but not decisive. What is decisive is whether this fear can be held to be objectively justified (see Wettstein, cited above, § 44, and Ferrantelli and Santangelo v. Italy, 7 August 1996, § 58, Reports 1996-III).*

*97. The objective test mostly concerns hierarchical or other links between the judge and other actors in the proceedings (see court martial cases, for example, Miller and Others v. the United Kingdom, nos. 45825/99, 45826/99 and 45827/99, 26 October 2004; see also cases regarding the dual role of a judge, for example, Mežnarić v. Croatia, no. 71615/01, 15 July 2005, § 36, and Wettstein, cited above, § 47, where the lawyer representing the applicant's opponents subsequently judged the applicant in a single set of proceedings and overlapping proceedings respectively) which objectively justify*

*misgivings as to the impartiality of the tribunal, and thus fail to meet the Convention standard under the objective test (see Kyprianou, cited above, § 121). It must therefore be decided in each individual case whether the relationship in question is of such a nature and degree as to indicate a lack of impartiality on the part of the tribunal (see Pullar, cited above, § 38).*

*98. In this respect even appearances may be of a certain importance or, in other words, "justice must not only be done, it must also be seen to be done" (see De Cubber, cited above, § 26). What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public. Thus, any judge in respect of whom there is a legitimate reason to fear a lack of impartiality must withdraw (see Castillo Algar v. Spain, 28 October 1998, § 45, Reports 1998-VIII).*

*99. Moreover, in order that the courts may inspire in the public the confidence which is indispensable, account must also be taken of questions of internal organisation (see Piersack v. Belgium, 1 October 1982, § 30 (d), Series A no. 53). The existence of national procedures for ensuring impartiality, namely rules regulating the withdrawal of judges, is a relevant factor. Such rules manifest the national legislature's concern to remove all reasonable doubts as to the impartiality of the judge or court concerned and constitute an attempt to ensure impartiality by eliminating the causes of such concerns. In addition to ensuring the absence of actual bias, they are directed at removing any appearance of partiality and so serve to promote the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public (see Mežnarić, cited above, § 27). The Court will take such rules into account when making its own assessment as to whether a tribunal was impartial and, in particular, whether the applicant's fears can be held to be objectively justified (see, mutatis mutandis, Pescador Valero v. Spain, no. 62435/00, §§ 24-29, ECHR 2003-VII)".*

14. F'dan il-każ, l-intervisti li skont l-attriċi saru kontra d-dettami tad-dritt naturali jikkonsistu fi proċedura ta' għażla għall-mili ta' vakanza mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Proċess li b'mod eċċezzjonali[18] ġie ripetut darbtejn. Dan għaliex bil-*buona grazia* tad-direttur konvenut sabiex jelimina kull dubju li qajmet l-attriċi dwar irregolaritajiet / *bias* fil-proċess tal-ewwel intervista[19].

[18] Fol. 117.
[19] Fol. 117.

15. Alfred Mallia, in rappreżentanza tad-Direttur Ġenerali konvenut, spjega[20] li dak iż-żmien *supply teachers* ma kinux jiġu ngaġġati taħt sejħa tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku iżda direttament mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Madankollu, għall-finijiet ta' trasparenza, id-Dipartiment kien jipprova jżomm man-normi / *guidelines* / *marking system* tal-Kummissjoni. Fil-prassi dan kien isir billi, a benefiċċju tal-applikanti stess, jinħatar bord kompost minn tliet *education officers* kompetenti fis-suġġett u / jew settur inkwistjoni.

16. Għalhekk, fil-każ tal-ewwel intervista li saret lill-attriċi, il-Bord ġie kompost minn tliet *education officers* fis-settur primarju. Meta mbagħad l-attriċi kkontestat dik id-deċiżjoni u ngħatat l-opportunità li terġa' tagħmel intervista oħra, Mallia jgħid li d-Dipartiment kellu diffikultà jaħtar l-*interviewing bord* għaliex *education officers* fis-settur primarju kien hemm biss tlieta. Għalhekk, appunataw bħala *chairperson* lil Anthony Farrugia, li kien membru fl-ewwel bord, u miegħu ħatru *education officer* tal-Malti li kien qed jieħu ħsieb is-settur primarju u *education officer* ta' *school audit* li fil-karriera tagħha kienet għalliema tal-primarja.

17. Fl-appell tagħha l-attriċi tilmenta hekk:

> *"possibbli li d-dipartiment appellat m'għandux sitta min-nies li huma kkwalifikati biex joqogħdu fuq bord ta' għażla?"*

---

[20] Fol. 113 *et seq*., fol. 138 *et seq*.

18. Jekk l-appellanti kellha dak id-dubju, setgħet ikkonfrontat lix-xhud dwar hekk in kontroeżami. Mill-atti iżda m'hemm ebda prova li xxejjen ix-xhieda ta' Alfred Mallia. Anzi, il-fatt li fiż-żmien inkwistjoni d-Dipartiment kellu biss tliet *education officers* fil-primarja ġie kkonfermat ukoll minn Anthony Pace, li kien ic-*chairperson* fl-ewwel *interviewing bord*[21]*.*

19. Fl-appell tagħha l-attriċi tallega wkoll illi:

> *"Huwa ovvja li bħala chairman fit-tieni bord awtomatikament ser jipprova jikkonferma d-deċiżjoni li ha l-ewwel bord li kien parti fiha hu stess".*

20. Din hija biss insinwazzjoni gratuwita li ma tirriżulta sorretta minn ebda prova. F'kull każ, Anthony Farrugia kien biss membru minn tlieta li poġġa fuq l-ewwel u t-tieni *interviewing bord.* Iż-żewġ membri l-oħra kienu persuni differenti u kull wieħed minnhom seta', kieku ma qabilx mal-membri l-oħra, għamel *minority report* li kien iwassal biex il-proċess jerġa' jiġi skrutinjat f'livell ogħla[22]. Dan jikkonferma li l-prassi mħaddna mid-Dipartiment ma tagħti ebda dritt liċ-*Chairperson* jimponi r-rieda tiegħu fuq l-oħrajn[23].

---

[21] Fol. 206.
[22] Ara x-xhieda ta' Alfred Mallia a fol. 115 fejn jgħid li meta jiġri hekk issir deliberazzjoni oħra, ġeneralment mill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku.
[23] Fol. 117.

21. Fuq kollox, munita b'rendikont komplet tal-marki li ngħatat fiż-żewġ intervisti[24], u kif ukoll żewġ rapporti dettaljati li jagħtu spjegazzjoni estensiva dwar x'wassal lill-ewwel *interviewing board* u lit-tieni *interviewing board* jagħtuha l-marki li tawha[25], l-attriċi mkien ma pprovat li kien jistħoqqilha marka aħjar.

22. F'ittra minnha mibgħuta lid-Dipartiment tal-Edukazzjoni l-attriċi lmentat biss li kellha tingħata '*some points'* għall-kwalifiki tagħha ta' PGCE u BA Hons fl-Istorja[26]. Pretiża li m'għandha xejn x'jaqsam mal-allegat nuqqas ta' imparzjalità tal-membri tal-bord. Huwa iżda kriterju oġġettiv ibbażat fuq ir-regoli taċ-Ċivil fejn, bħala regola, ma jingħatawx marki addizzjonali għal *entry requirements*[27].

23. Irrispettivament minn dan, l-attriċi lanqas ma ppruvat illi, kieku ngħatat xi marki għall-kwalifiki tagħha ta' PGCE u BA Hons fl-Istorja, hija kienet se tikseb il-*pass mark* meħtieġa. Fi kliem ieħor, minn imkien ma jirriżulta illi kieku hija ngħatat *'some marks'* għal dawk il-kwalifiki, b'żieda mal-124 marka fl-ewwel intervista jew mal-108 marka fit-tieni intervista, hija kienet se tikseb il-punteġġ meħtieġ (150 marka) biex tgħaddi mill-intervista għall-post ta' *supply teacher*. Għalhekk, f'kull każ, l-ilment tagħha ma jwassal imkien.

---

[24] Fol. 72, 81.
[25] Fol. 71, 77 – 80.
[26] Fol. 69.
[27] Fol.198.

24. Kwantu għall-fatt li fis-snin preċedenti l-attriċi kemm-il darba kienet ġiet ingaġġata bħala *supply teacher,* jirriżulta li hija ġiet tabilħaqq mogħtija marki għall-esperjenza tagħha fis-settur (20 marka). Dan apparti l-10 marki li ngħatawlha għat-*teaching practice* matul l-istudji tagħha. B'daqshekk iżda ma kellhiex dritt awtomatiku li, irrispettivament mill-marki insuffiċjenti li l-attriċi kisbet għal '*professional knowledge'* u *'personal qualities'*, terġa' tinħatar f'tali kariga, kif minnha pretiż*.*

25. F'dak ir-rigward, il-membri tal-Bord (kemm l-ewwel wieħed u kif ukoll it-tieni wieħed) taw spjegazzjoni ċara u dettaljata għalfejn l-attriċi m'għaddietx. Hekk pereżempju, fit-tieni intervista, mistoqsija dwar prinċipji bażiċi ta' NMC l-attriċi ma qalitx x'għandhom jgħallmu l-għalliema tal-primarja; naqset issemmi l-prinċipji bażiċi tal-pedagoġija; naqset issemmi s-sillabu li għalliema għandha tikkonsulta meta tħejji *sheme of work* għal sena skolastika, u saħansitra ma kinitx kapaċi tispelli l-kelma 'u' (*and*)[28]. Dan l-attriċi ma nnegatux u ma tat l-ebda spjegazzjoni li tikkontradiċi dak li jingħad fir-rapport. Rilevanti wkoll li mir-rapporti li saru b'referenza għall-ewwel u t-tieni Bord, jidher li saru l-istess domandi u l-attriċi tat l-istess tweġibiet li evidentement ma kinux sodisfaċenti.

[28] Fol. 77 *et seq*.

26. Finalment, l-attriċi għamlet l-argument li wara li falliet it-tieni intervista għal *supply teacher*, għaddiet b'suċċess l-intervista għal *supply teacher* fi *special schools.*

27. Fattwalment dan huwa minnu. Dan iżda ma jfissirx li l-marki li ngħatat fl-intervista għal *supply teacher* kienu riżultat ta' deċiżjoni abbużiva, kif tallega.

28. Fl-ewwel lok, kull intervista hi *stand alone* u allura tiddependi minn kif wieħed iwieġeb għad-domandi li jsirulu[29]. F'kull każ, il-*professional knowledge* meħtieġ bħala *supply teacher* tal-primarja mhuwiex l-istess bħal dak meħtieġ fi skola speċjali[30]. Alfred Mallia fil-fatt spjega li fi skejjel speċjali t-tfal jitgħallmu *life skills* aktar milli suġġetti akkademiċi u allura m'hemmx bżonn li għalliem ikun daqstant *conversant* ma' suġġetti akkademiċi bħalma hija l-grammatika Maltija u l-grammatika Ingliża[31].

29. Għalhekk, l-allegazzjoni li l-attriċi falliet l-*intervisti* inkwistjoni minħabba nuqqas ta' smigħ xieraq konsegwenti għal nuqqas ta' imparzjalità ta' xi membru tal-Bord, tfalli t-test sostantiv.

---

[29] Fol. 132.
[30] Fol. 118.
[31] Fol. 140.

30. Il-Qorti tosserva wkoll li l-ewwel talba tar-rikors maħluf li bih l-attriċi fetħet il-kawża hi sabiex jiġi dikjarat li d-deċiżjoni li l-attriċi ma tgħaddix l-intervista tal-24 ta' Settembru 2010 hi abbużiva *".... peress illi kienet irraġonevoli u dan a tenur l-artikolu 469A(1)(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta"*. Fir-rikors maħluf ma saret l-ebda talba sabiex jiġi dikjarat li kien hemm ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali.

31. Rilevanti wkoll l-osservazzjoni li għamlet l-Ewwel Qorti li fost il-membri tal-bord li għażilha bħala għalliema fil-qasam ta' *special education*, waħda mill-membri tal-Bord (Antoinette Debattista) kienet ukoll membru tal-Bord li intervista lill-attriċi t-tieni darba għall-kariga ta' għalliema fil-primarja. Dwar dak il-Bord l-attriċi ma lmentatx li kien parzjali, minkejja li ftit xhur wara l-imsemmija persuna kienet membru fil-Bord li m'għaddiex lill-attriċi għat-tieni darba għall-kariga ta' għalliema fil-primarja.

32. Kwantu għat-test oġġettiv, l-attriċi tikkwota bosta sentenzi fosthom **San Leonardo Band Club v. Malta** deċiża mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem [QEDB] fid-29 ta' Lulju 2014.

33. Il-każ ta' *San Leonardo Band Club* kien jitratta proċedura ta' ritrattazzjoni li ġiet assenjata lill-Qorti tal-Appell kif komposta mill-istess tliet Imħallfin li semgħu u ddeċidew il-każ fi stadju tal-appell. Għalhekk, it-tliet Imħallfin inkwistjoni kellhom jiddeċiedu jekk is-sentenza attakkata, deċiża minnhom stess, kinitx affetta minn żball. Il-QEDB qieset din iċ-

ċirkostanza bħala suffiċjenti biex tqis oġġettivament ġustifikata l-biża' tas-soċjetà applikanti dwar in-nuqqas ta' imparzjalità tal-Qorti tal-Appell.

34. It-tieni intervista li saret lill-attriċi kienet proċedura *ex novo*. B'żieda ma' dan, Anthony Farrugia kien biss wieħed minn tliet membri li poġġa fuq l-ewwel u t-tieni bord. Kif diġà ngħad, iż-żewġ membri l-oħra kienu differenti. Punt ferm rilevanti fil-kuntest tal-fatt li fl-intervisti li saru lill-attriċi għall-post ta' *supply teacher* ħadd mill-membri m'għamel *minority report.* Il-provi juru li d-deċiżjoni tat-tieni Bord kienet waħda unanima.

35. Lanqas ma jgħin it-teżi attriċi d-digriet mogħti mill-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Albert Attard et v. Awtorità għat-Trasport f'Malta** billi f'dak il-każ il-Qorti li riedet tiddeċiedi dwar mandat ta' inibizzjoni li dwaru kienet diġà esprimiet ruħha, kienet komposta mill-istess Imħallef.

36. Fl-assjem taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, ma jirriżultawx għalhekk l-estremi sabiex il-Qorti tikkonkludi li l-Bord kif kompost fit-tieni intervista (tal-24 ta' Settembru 2010) naqas l-i*standard* ta' imparzjalità oġġettiva kif allegat mill-attriċi appellanti.

37. Għaldaqstant, tiċħad l-ewwel aggravju.

38. Illi permezz tat-tieni aggravju l-attriċi tilmenta mbagħad illi waqt l-ewwel *interview* ic-*Chairman* tal-bord, Anthony Pace, kellu f'idejh rapport kontriha li ma kellux jieħu konjizzjoni tiegħu u b'hekk kien diġà preġudikat kontriha.

39. Dan l-aggravju jitlef kull rilevanza fil-kuntest tal-fatt illi, wara li l-attriċi lmentat mad-Dipartiment dwar l-allegat nuqqas ta' imparzjalità ta' Anthony Pace bħala *chairperson* fl-ewwel intervista li saritilha, saret eċċezzjoni magħha u ngħatat l-opportunità (bla preċedent) li tagħmel intervista oħra fejn Pace ma kienx membru[32].

40. F'kull każ mill-provi hu ċar li l-attriċi marret ħażin fl-intervisti minħabba l-mod kif wieġbet għad-domandi. Fil-każ tal-ewwel intervista Pace kien membru minn tlieta. Iż-żewġ membri l-oħra, b'mod indipendenti, esprimew l-istess fehma tiegħu, *ossia* li hija kienet nieqsa minn kull għarfien bażiku tal-pedagoġija u bħala tali ma kinitx meqjusa xierqa għat-tagħlim tal-iskola primarja[33].

**<u>Deċiżjoni</u>.**

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell tal-attriċi bl-ispejjeż kontriha.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm

[32] Fol.117.
[33] Fol. 126, 71.